**5 ta' Ġunju, 1959**

**Imħallfin:—**

**Is-S.T.O. Prof. A.J. Mamo, O.B.E., Q.C., B.A., LL.D., President;**

**Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;**

**Onor. Dr. W. Harding, O.B.E., K.M., B.Litt., LL.D.**

**Francis Vella**

***versus***

**Carmel Caruana**

**Lokazzjoni — Board tal-Kera — Morożità fil-Ħlas tal-Kera — Appell — Digriet Interlokutorju — Nullità — Provi — Ittra Reġistrata — Art. 229, 227, u 634 (1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili — Post Office Act (Kap. 85).**

*Il-Liġi tiddisponi illi, jekk diversi kwistjonijiet f'kawża jiġu maqtugħa b'sentenzi separati, jista' jsir appell minn kull waħda minn dawn is-sentenzi fiż-żmien li jmiss, li jibda jgħodd minn dak inhar li tingħata l-aħħar sentenza, basta li f'dan l-appell issir tismija espressa tas-sentenza li minnha jsir appell; jew jista' jsir appell għalieh waħdu minn kull sentenza separata. Tiddisponi wkoll illi digriet interlokutorju jista' jiġi appellat sew qabel sew wara s-sentenza definittiva; u meta jsir wara, jista' jsir jew fin-nota tal-appell minn dik is-sentenza jew b'nota separata preżentata fiż-żmien preskritt.*

*Dawn id-dispożizzjonijiet, però, ma humiex applikabbli għall-appelli mid-deċiżjonijiet tal-Board tal-Kera, li għar-rigward tagħhom l-appell jinġieb dejjem per mezz ta' rikors, u mhux bil-proċedura tan-nota u petizzjoni; u għalhekk, mhux null l-appell minn digriet interlokutorju mogħti mill-Board tal-Kera billi fir-rikors tal-appell ma jkunx issemma li qiegħed isir appell anki minn dak id-digriet interlokutorju. Dan apparti mill-fatt li, jekk it-talba kontenuta fir-rikors tal-appell tinvolvi r-revoka tad-digriet fil-kwistjoni, titqies bħal k'ekk saret talba għar-revoka tad-digriet.*

*Il-fatt li l-lokatur ikun bagħat ittri reġistrati bil-posta lill-inkwilini b'talba għall-ħlas tal-kera mhux prova konklużiva*

*illi l-interpellazzjoni tkun fil-fatt saret lill-inkwilin. Avvolja jiġi pruvat li l-ittri ġew reġistrati, u avvolja jkun hemm riċevuta inizjalata mill-postman li turi, skond il-kors ordinarju tad-dmirijiet tiegħu, li l-ittri reġistrati ġew konsenjati lid-destinatarju tagħhom, ikun hemm preżunzjoni qawwija li l-ittri waslu għand id-destinatarju; iżda jibqa' dejjem li dan jista' jipprova l-kuntrarju.*

Il-Qorti:— Rat it-talba tar-rikorrent quddiem il-Board li Jirregola l-Kera biex jerġa jieħu taħt idejh il-post 67 St. Joseph Street, Senglea, mikrj lill-intimat, billi dan naqas mill-puntwalità fil-ħlas tal-kera;

Rat is-sentenza ta' dak il-Board tal-20 ta' Novembru 1958 li biha laqa' t-talba, u ta lill-intimat, għall-fini tal-iżgumbrament, iż-żmien ta' xahrejn, bl-ispejjeż kontra l-intimat; wara li kkunsidra;

Mill- provi rriżulta illi r-rikorrent, fit-22 ta' Mejju 1958, bagħat ittra reġistrata lill-intimat biex iħallas il-kera ta' xahar skadut bil-quddiem fl-20 tal-istess xahar, u huwa ħallas dan il-kera, skond il-librett *tal-kera eżibit, fil-21 ta'* Ġunju 1958. Ir-rikorrent, fil-25 ta' Ġunju 1958, kiteb ittra reġistrata oħra lill-intimat għall-ħlas ta' xahar kera skadut bil-quddiem fl-20 tal-istess xahar, u l-intimat ħallas dan il-kera fit-22 ta' Lulju 1958, kif jirriżulta mill-istess librett tal-irċevuti. Dan il-kera ġie riċevut mir-rikorrenti wara l-preżentata ta' dan ir-rikors, bla preġudizzju — hekk ukoll il-kirjiet skaduti posterjorment. L-intimat fix-xhieda tiegħu jgħid li huwa rċieva ittra waħda, ċjoè dik tat-22 ta' Mejju, minnu eżibita; però r-rikorrent eżibixxa l-irċevuti tal-posta ta' *żewġ ittri reġistrati mibgħuta lill-intimat, u eżibixxa* wkoll dikjarazzjoni mill-Posta li ż-żewġ ittri ġew konsenjati, waħda fit-22 ta' Mejju 1958, u l-oħra fil-25 ta' Ġunju 1958;

Mill-provi prodotti jirriżulta li l-intimat naqas li jkun puntwali fil-ħlas tal-kera dwar żewġ skadenzi suċċessivi; u għalhekk ir-rikorrent huwa ntitolat jirriprendi pussess tal-fond tiegħu skond l-art. 10(a)(1) tal-Ordinanza nru. XXI tal-1931;

Rat fol. 35 ir-rikors li bih l-intimat appella minn dik is-sentenza u talab li tiġi revokata, billi din il-Qorti takkolji t-talba tiegħu għas-smiegħ tax-xhieda u tiddeċidi wara li tismagħhom, jew tirrevoka l-imsemmija sentenza billi t-talba tal-appellat mhix suffiċjentement pruvata; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-appellat;

*Omissis;*

Rat fol. 39 in-nota tal-istess appellat, li biha eċċepixxa n-nullità tal-appell mħabba n-nuqqas tar-rekwiżit mitlub mill-art. 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, ċjoè t-tismija espressa tad-digriet interlokutorju li minnu qed isir appell;

Rat il-verbal tat-2 ta' Frar 1959, li bih ġiet permessa l-produzzjoni ta' xi xhieda mitluba mill-appellant, mingħajr preġudizzju tal-eċċezzjoni preliminari tal-appellat;

Semgħet lil dawn ix-xhieda, . . . . . u kkunsidrat;

Dwar l-eċċezzjoni preliminari;

Il-fatti rilevanti huma dawk li ġejjin;

Fis-seduta tat-2 ta' Ottubru 1958, l-appellat, rikorrent quddiem il-Board, xehed quddiemu illi fit-22 ta' Mejju 1958 hu kien bagħat ittra reġistrata lill-appellant għall-ħlas tal-kera ta' xahar skadut fl-20 tal-istess xahar, u fil-25 ta' Ġunju 1958 l-istess appellat kien bagħat ittra reġistrata oħra lill-appellant għall-ħlas tal-kera tax-xahar skadut fl-20 ta' dak ix-xahar. L-appellat ipproduċa s-"slips" fol. 16 u 17, biex juri li kien tassew irreġistra l-Posta dawk iż-żewġ ittri. Huwa pproduċa wkoll l-ittra fol. 20, firmata f'isem il-Post Master General, li tgħid illi żewġ ittri reġistrati nri. 626 u 892, indirizzati lil Mr. C. Caruana, 67 St. Joseph Street, Senglea, ġew konsenjati, l-ewwel waħda fit-22 ta' Mejju 1958, kontra l-firma ta' Annetta Caruana, u l-oħra fil-25 ta' Ġunju 1958, kontra l-firma tad-destinatarju;

Fis-seduta tat-23 ta' Ottubru 1958 xehed quddiem il-Board l-appellant u dan ċaħad illi fil-25 ta' Ġunju 1958 kien iffirma xi riċevuta ta' ittra reġistrata konsenjata lilu mill-postin. L-appellant talab biex jiġi mogħti lilu żmien ħalli jivverifika jekk l-ittra allegata riċevuta minnu ġietx mogħtija lil xi persuna oħra mill-postman;

Il-Board, b'digriet mogħti fl-istess ġurnata, ċaħad it-talba tal-appellant fuq il-motiv illi l-ittra tal-Post Master General fuq imsemmija hija ittra uffiċjali, u barra minn hekk l-appellat kien qed isofri preġudizzju minħabba l-morożità tal-appellant; u ddifferixxa l-kawża għas-sentenza;

Ftit ġranet wara, u ċjoè fit-30 ta' Ottubru 1958, l-appellant ippreżenta quddiem il-Board ir-rikors fol. 21, fejn, wara li reġa ċaħad li hu kien irċieva t-tieni ittra reġistrata fuq imsemmija, u spjega li l-firma fuq l-irċevuta ma kienetx tiegħu, u lanqas setgħet tkun, peress li dak inhar kien il-ġurnata kollha fuq ix-xogħol, talab li l-Board jissospendi l-prolazzjoni tas-sentenza biex hu jkun jista' jipproduċi l-provi għal dak l-effett. Anki din it-talba ġiet miċħuda fl-istess ġurnata, u fl-20 ta' Novembru 1958 ingħatat is-sentenza issa appellata;

Issa l-eċċezzjoni preliminari tal-appellat mhix fis-sens li dik is-sentenza mhix appellabbli lil din il-Qorti, iżda fis-sens biss illi l-appell hu null għaliex fir-rikors tal-appell ma hemmx imsemmi espressament id-digriet interlokutorju tal-Board, dak ċjoè fuq imsemmi tat-30 ta' Ottubru 1958 (u preżumibbilment ukoll dak tat-23 ta' Ottubru), li minnu qed isir appell. L-appellat jinvoka bħala bażi tal-eċċezzjoni tiegħu, kif intqal, l-art. 229 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili;

Jidher mill-ewwel ċar illi, anki apparti kull konsiderazzjoni oħra, l-artikolu ċitat mill-appellat ma għandu ebda applikazzjoni għall-każ preżenti. Dak l-artikolu jikkontempla l-każ meta diversi kwistjonijiet f'kawża jkunu ġew maqtugħa b'sentenzi diversi, u jiddisponi illi f'dan il-każ jista' jsir appell separat minn kull sentenza għaliha, jew appell minnhom kollha f'daqqa mas-sentenza finali, basta li ssir tismija espressa ta' kull sentenza li minnha jkun qed

*isir appell. Fil-każ preżenti ma ġietx mogħtija ħlief sentenza waħda;*

Aktarx illi l-appellat irid jirriferixxi għall-art. 227, li jittratta appuntu fuq l-appelli minn digrieti interlokutorji. Dan *jiddisponi illi digriet interlokutorju jista' jiġi appellat* sew qabel kemm wara s-sentenza definittiva; meta l-appell isir wara s-sentenza definittiva, dan jista' jsir jew fin-nota tal-appell minn dik is-sentenza, jew b'nota separata preżentata fiż-żmien preskritt;

Dawn *id-dispożizzjonijiet tal-Kodiċi tal-Proċedura*, relattivi għall-appelli lil din il-Qorti bil-proċedura ta' nota u petizzjoni, ma humiex applikabbli għall-appelli minn deċiżjonijiet tal-Board, li għar-rigward tagħhom l-appell jinġieb dejjem per mezz ta' rikors. Imma ankorkè, trattandosi, *bħal fil-każ preżenti, minn digriet interlokutorju magħ*mul mal-appell mis-sentenza finali, wieħed kellu japplika b'analoġija l-ispiritu tad-dispożizzjonijiet fuq imsemmija, u jeżiġi li fir-rikors tal-appell jissemma d-digriet interlokutorju appellat, din il-Qorti hi ta' fehma illi dan ir-rekwiżit fil-każ preżenti hu ampjament soddisfatt fis-sostanza tiegħu;

Infatti, l-appellat innifsu, per mezz tal-istess eċċezzjoni tiegħu, mogħtija qabel ma bdiet ebda trattazzjoni talappell, fehem, naturalment mill-istess termini tar-rikors tal-appell, *illi dan kien jikkoinvolġi d-digriet interlokutorju* in kwistjoni. L-eċċezzjoni ssemmi "d-digriet interlokutorju li minnu qed isir appell". U dan kien inevitabbli. Għad illi fir-rikors dak id-digriet ma jissemmiex bid-data tiegħu, it-tismija tiegħu u riferenza għalih huma ovvji, espressi u ripetuti. Anzi l-appell hu in essenza bażat kollu fuq dak id-digriet. Ir-rikors tal-appell *isemmi* bħala *gravam illi l-*Board irriġetta t-talba ta' l-appellant, li ried jipprova dak li fuq intqal, u li minħabba dan in-nuqqas ta' smiegħ ta' dawn ix-xhieda l-appellant ġie kundannat jiżgombra millfond. U t-talba għar-revoka ta' dak id-digriet hija kjarament involuta *fit-talba magħmula* fir-rikors għar-revoka tas-sentenza, billi (din il-Qorti) takkolji t-talba tal-appellant għas-smiegħ tax-xhieda tiegħu u . . . . . tiddeċidi wara s-smiegħ ta' dawn ix-xhieda;

Minn dan jidher ċar illi l-eċċezzjoni tal-appellat, bażata fuq l-allegat nuqqas ta' tismija tad-digriet interlokutorju, anki biss bħala fatt, hija nfondata, u tiġi għalhekk miċħuda; bl-ispejjeż kontra tiegħu;

Ikkunsidrat, fuq il-meritu;

Din il-Qorti, wara li semgħet il-provi prodotti millappellant, ma hix konvinta illi l-appellat ipprova l-morożità tal-appellant fil-ħlas tal-kera fis-sens tal-liġi, fis-sens, ċjoè, illi saret ukoll lill-appellant it-tieni interpellazzjoni għall-ħlas u li hu naqas anki għal din it-tieni skadenza li jħallas fiż-żmien preskritt wara l-interpellazzjoni;

Il-Board aċċetta bħala prova konklużiva tal-interpellazzjonijiet għall-ħlas l-irċevuti tal-Posta taż-żewġ ittri reġistrati (ċjoè dawk fol. 16 u 17), u speċjalment id-dikjarazzjoni kontenuta fl-ittra fol. 20, li fid-digriet tat-23 ta' Ottubru 1958, ġa fuq imsemmi, ġiet deskritta bħala "ittra uffiċjali". Issa, dawk iż-żewġ riċevuti, per sè, jippruvaw biss li l-appellant imposta żewġ ittri reġistrati ndirizzati kif jingħad fihom. L-ittra fol 20 tgħid biss x'ġie rrapportat lillmittenti dwar dawk iż-żewġ ittri; u anki kieku kellha titqies bħala wieħed mid-dokumenti msemmija fl-art. 627 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, jibqa' dejjem illi, għal dak li hu l-kontenut materjali tagħha, hi tagħmel prova sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju;

Quddiem din il-Qorti, però, ġew prodotti wkoll mill-Post Master General l-irċevuti li suppost ġew iffirmati malkonsenja tal-ittra fid-destinazzjoni. L-ewwel waħda, dik tat-22 ta' Mejju 1958, tidher iffirmata minn Annetta Caruana, mart l-appellant, u dwarha ma hemm ebda kwistjoni. L-oħra tidher iffirmata "C. Caruana", u hi inizjalata millpostman li suppost ikkonsenjaha;

Skond il-liġi (art. 634(1) tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili), il-persuna li kontra tagħha tinġieb karta li milli jidher tkun iffirmata minnha nnfisha, hija obligata li tiddikjara b'mod pożittiv jekk il-kitba jew il-firma hix tagħha jew le, u fin-nuqqas ta' din id-dikjarazzjoni, din il-kitba jew firma tkun magħduda, sakemm ma jiġix pruvat il-kuntrarju,

li hija l-kitba jew firma tagħha. Issa, l-appellant ċaħad pożittivament li l-firma li hemm fuq dik it-tieni rċevuta hi tiegħu, u ebda prova soddisfaċenti ma saret b'xi wieħed mill-modi kontemplati fl-art. 635 da parti tal-appellat biex twaqqa' dik iċ-ċaħda tal-appellant. Dan assigura illi fid-data in kwistjoni, ċjoè fil-25 ta' *Gunju* 1958, hu kien il-ġurna *kollha* fuq ix-xogħol f'Bengħajsa, minn filgħodu kmieni sa filgħaxija, kif kien jirriżulta wkoll mir-"records" tat-"*time* keeper"; u lanqas kontra dan ma saret ebda prova;

Mart l-appellant innegat ukoll illi din it-tieni ittra ġiet konsenjata lilha, u li l-firma "C. Caruana" fuq l-irċevuta għamlitha hi. Hi baqgħet tassigura lill-Qorti dwar dan, non ostante r-ripetuti twissijiet dwar il-konsegwenzi gravi ta' xhieda falza li għamlitilha l-Qorti;

Joseph Caruana, bin l-appellant, l-istess ċaħad li dik l-ittra ġiet konsenjata lilu. Del resto, l-istess postman Salvatore Caruana, li ra lil dan it-tifel jixhed, stqarr illi lil tifel ta' dik l-età ittra reġistrata ma kienx jagħtihielu. Dan kompla jgħid illi, għalkemm fuq l-irċevuta hemm l-inizzjali tiegħu, u li dawn jagħmilhom fil-kors ordinarju tax-xogħol tiegħu, għaliex ikun soddisfatt illi l-ittri ġew konsenjati fl-indirizz ta' fuqhom, però ma setgħax jiftakar jekk dik l-irċevuta kienetx fil-fatt ġiet iffirmata mill-appellant. Non ostante li hu ra l-appellant quddiem il-Qorti, u stqarr li kien jafu mill-wiċċ, għad li ma kienx jaf x'jismu, hu ma setgħax jiftakar kemm il-darba kienx ikkonsenjalu xi ittra;

Tant l-appellant kemm martu offrew bla eżitazzjoni li jagħtu, kif fil-fatt taw, "specimens" tal-firmi tagħhom għall-finijiet ta' konfront. L-appellat ma talabx in-nomina ta' esperti u l-Qorti ma għandhiex quddiemha elementi ta' paragun, jew ċirkustanzi jew preżunzjonijiet oħra sodi biżżejjed biex teskludi n-negazzjoni tal-appellant illi l-firma ma hix tiegħu u li dik l-ittra ma rċevijhiex;

F'xi liġijiet speċjali, aktarx reċenti u modellati fuq leġislazzjoni ngliża, hemm maħluqa, dwar ittri mibgħutin bil-posta, u speċjalment ittri reġistrati, ċerti preżunzjonijiet rigward ir-riċezzjoni tagħhom. Xi drabi dawn il-preżunzjoni-

jiet huma 'prima facie', ta' prova kuntrarja, u xi drabi konklużivi. Hekk, per eżempju, taħt l-art. 51 tal-*Income Tax Act*, in-notifika ta' avviżi tista' ssir anki bil-posta reġistrata, "and in proving service it shall be sufficient to prove that the letter containing the notice was properly addressed and posted". L-istess ħaġa taħt l-art. 11(4) tan-National Service Act, 1955. Fl-art. 4(3) tal-Ordinanza nru. 11 tal-1946 (kif emendata bl-Ordinanza nru. XXXV tal-1947) il-preżunzjoni hi konċepita differentement: L-avviż "shall be deemed to have been received by the addressee on proof that it was delivered at the addressee's last known place of residence";

Però, fil-liġi tagħna ma hemmx preżunzjoni ta' applikazzjoni ġenerali, bħal dik, per eżempju, li hemm fl-Interpretation Act 1889, tal-Ingilterra;

Il-Post Office Act tagħna (Kap. 85) joħloq ċerti preżunzjonijiet fl-art. 21 tiegħu, imma anki dawn huma "għallfinijiet ta' dak l-Att";

Jista' forsi jingħad illi għalina wkoll tapplika dik ilpreżunzjoni ġenerali li fis-sistema probatorju ngliż titwieled minn dak li jgħidulu ir-"regular course of business in a public office", bażata fuq il-probabbilità li dak li jsir u jiġri is-soltu sar u ġara wkoll fil-każ. Bis-saħħa ta' din il-preżunzjoni, anki apparti minn kull dispożizzjoni statutorja fl-Ingilterra, huwa ritenut illi "if a letter properly directed is proved to have been either put into the post office, or delivered to the postman, it is presumed to have reached its destination at the regular time, and to have been received by the person to whom it was addressed" (ara Taylor, "Law of Evidence", ed. 1906, Vol. I, n. 179; Phipson, "The Law of Evidence", ed. 1930, p. 102). Fil-każ preżenti, jista' wkoll jingħad illi din il-preżunzjoni hi msaħħa bilpreżunzjoni l-oħra tar-regolarità tal-eżekuzzjoni tad-dmirijiet tiegħu minn uffiċjal publiku. "There is a presumption that public and official acts and duties have been regularly and properly performed" (ara Cockle, "Law of Evidence", ed. 1946 p. 34). Fost uffiċjali oħra fl-Ingilterra din il-preżunzjoni ġiet applikata għall-uffiċjali tal-Posta;

Issa, fil-każ preżenti hemm riċevuta inizjalata mill-postman, li turi, skond il-kors ordinarju tad-dmirijiet tal-postman, li l-ittra reġistrata in kwistjoni ġiet konsenjata lill-"addressee" fl-indirizz muri fuqha;

Dawn huma ċertament preżunzjonijiet qawwija, imma b'dan kollu dejjem "prima facie", "donec probetur in contrarium". Anzi, fis-sistema tal-liġi tagħna, anqas jista' verament jingħad illi huma "veri" preżunzjonijiet "legali", għax dawn tista' toħloqhom il-liġi biss. Għalina aktarx huma sempliċi preżunzjonijiet "ta' fatt" (ara Cockle, op. ċit. p. 23-4);

Fil-każ preżenti, in vista taċ-ċirkustanzi kollha, partikolarment tal-prova kuntrarja li għamel l-appellant, il-Qorti ma tħossx li tista' b'sikurezza tiġbed il-konklużjoni li normalment għandha tinġibed minn dawk il-preżunzjonijiet;

Għal dawn il-motivi, din il-Qorti tilqa' l-appell, tirrevoka s-sentenza appellata, u tiċħad it-talba tal-appellat. L-ispejjeż, tant ta' prim'istanza kemm tal-appell, ħlief dawk deċiżi superjorment, jibqgħu mingħajr taxxa, ħlief id-dritt tar-Reġistru, li jitħallas mill-appellat.